TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Zane Portelli

vs

Beauty Ban Venofye - Miro Assoulne

CCT 118/18/MS

9 ta' Jannar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent opprezentat fis-27 ta' Lulju 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' sebgha mija u hamsin Euro (€750.00) prezz ta' prodotti tal-wicc mixtrija minghand l-azjenda intimata liema prodotti gew mibjugha fl-14 ta' Gunju 2018 min-negozjant tat-triq.

Ra illi l-azjenda intimata giet debitament notifikata pero' baqghet ma tat l-ebda risposta u r-rapprezentant taghha qatt ma deher biex jaghti l-versjoni tieghu f'din il-kawza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-istess xhieda tar-rikorrent illi fl-14 ta' Gunju 2018 waqt illi kien miexi lura lejn id-dar gie mwaqqaf fit-triq minn salesman tal-azjenda intimata fejn dana kkonvincih jixtri prodott bhala kura ghal ponot. Dan il-prodott kien jiswa mitejn u hamsin Euro. Jidher illi r-rikorrent accetta illi jixtri dan il-prodott, pero' s-salesman beda jinkludi prodotti ohra li r-rikorrent kien taht l-impressjoni illi kellhom ikunu b'xejn. Ir-rikorrent kellu mitejn Euro fuqu u l-kumplament ta' hamsin Euro ried ihallashom bil-card, izda wara rrejalizza illi f'din it-transazzjoni l-kont tela ghal hames mija u hamsin - b'total allura ta' seba mija u hamsin.

Ir-rikorrent deherlu li gie ngannat b'dan l-agir tas-salesman u ghalhekk talab illi jiehu flusu lura. Ghall-ewwel l-azjenda intimata accetat illi tiehu lura l-prodotti u ttih il-flus, izda minn dan ma gara xejn.

Ikkunsidra

Illi peress illi l-azjenda intimata qieghda kontumaci u hadd mill-azjenda intimata ma deher biex jaghti l-versjoni tieghu, t-Tribunal irrid joqghod fuq ix-xhieda moghtija mir-rikorrent, li fic-cirkostanzi hija verosimili u probabbilment il-fatti graw kif xehed l-istess rikorrent.

Minn din ix-xhieda rrizulta li ghall-ewwel ir-rikorrent kien kuntent bil-prodott li kien ser jixtri u kien lest li jhallas mitejn u hamsin Euro kif mitlub mill-azjenda intimata, izda ma kienx kuntent illi jhallas hames mitt Euro aktar ghal prodotti zejda illi minghalih kellhom ikunu b'xejn. Terga' u tghid, kien l-istess salesman illi fuq il-magna tal-card nizzel hames mija u hamsin u dan seta' ghamlu ad-insaputa tar-rikorrent illi minghalih kien qed ihallas hamsin Euro biss.

Ma hemmx dubju illi kien hemm element ta' konfuzjoni dwar il-vera kondizzjonijiet ta' din it-transazzjoni. L-unika haga certa hi, li r-rikorrent kien lest li jixtri prodott fl-ammont ta' mitejn u hamsin Euro. Meta gie biex ihallas dan l-ammont, propju fl-ahhar mumenti, is-salesman beda jsemmi aktar prodotti li kellhom ikunu parti minn din it-transazzjoni u li r-rikorrent kien minghalih li kellhom ikunu b'xejn. Kien biss wara li nduna li gie ngannat. Dan mhuwiex sew peress illi f'transazzjonijiet bhal dan, kollox irrid ikun car mill-bidu u x-xerrej ghandu jkun jaf ezatt x'qed jixtri u x'qed ihallas. Dan ma kienx il-kaz u allura t-Tribunal jidhirlu illi t-tieni parti ta' din it-transazzjoni ghandha tigi annulata u r-rikorrent huwa intitolat li jiehu hames mitt Euro lura.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalmenti it-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-azjenda intimata u lill-intimat Miro Assouline, in solidum, li jhallsu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) lir-rikorrent. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata u Miro Assouline in solidum.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru